Kwot. PFI Nru. 2162. *5 Colon coded clip on ECG leads to fit Nikon Khoden Monitors*.

Kwot. PFI Nru. 2163. *Cephalothin 1g injections*.

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq:

http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-23 ta' Frar, 2007

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Friday, 2nd March, 2007, for:-

Quot. PFI No. 2148. Monolith single piece mechanical lithotripter.

Quot. PFI No. 2149. Envi-carb solid phase extraction tubes.

Quot. PFI No. 2150. Consumables for Ocular Prosthesis Department.

Quot. PFI No. 2151. Consumables for Ocular Prosthesis.

Quot. PFI No. 2152. Electrosurgical cable length 3m.

Quot. PFI No. 2153. Barrier cream without Cetrimide.

Quot. PFI No. 2154. Benzyl Peroxide 5%.

Quot. PFI No. 2155. Collodial Silver Spray.

Quot. PFI No. 2156. Zinc and Castor Oil.

Quot. PFI No. 2157. Hydrocolloid Dressings.

Quot. PFI No. 2158. Urine test strips for Opiates, THC, Cocaine, Amphetamines.

Quot. PFI No. 2159. Iodised Oil Fluid Injections B.P.

Quot. PFI No. 2160. Disposable Mouth-gags - for Psych. Unit.

Quot. PFI No. 2161. Mickey (R) Low Profile Gestrostomy Feeding tube.

Quot. PFI No. 2162. 5 Colon coded clip on ECG leads to fit Nikon Khoden Monitors.

Quot. PFI No. 2163. Cephalothin 1g injections.

All the above PFI's can be downloaded from:

http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

23rd February, 2007

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-26 ta' Marzu, 2007 fil-Kaxxa ta' l-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta':-

Avviż Nru. MST 126/07. *Daily Heat Seal Check.*

Avviż Nru. MST 127/07. *CSF Ommaya Reservoir Set.*

Avviż Nru. MST 128/07. *Atosiban 7.5mg/ml solution for injection.*

Avviż Nru. MST 129/07. *CPV 24431500-9 Betemethasone Cream 0.1%.*

Avviż Nru. MST 130/07. *Sodium Clodronate 400mg tablets.*

Avviż Nru. MST 131/07. *Clobetasol Propionate 0.05% w/w Ointment.*

Avviż Nru. MST 132/07. *Non-adherent silicon dressing - Mepitel (R) Dressings.*

Avviż Nru. MST 133/07. *Injector Syringes.*

Avviż Nru. MST 134/07. *Bowie Dick Test.*

Avviż Nru. MST 135/07. *Nephrostomy Balloon Catheter Kit.*

Avviż Nru. EXMST 573/06. *Acetylsalicylic Acid 500mg injections.*

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-23 ta' Frar, 2007

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 26th March, 2007, for the supply of:-

Advt. No. MST 126/07. Daily Heat Seal Check.

Advt. No. MST 127/07. CSF Ommaya Reservoir Set.

Advt. No. MST 128/07. Atosiban 7.5mg/ml solution for injection.

Advt. No. MST 129/07. CPV 24431500-9 Betemethasone Cream 0.1%.

Advt. No. MST 130/07. Sodium Clodronate 400mg tablets.

Advt. No. MST 131/07. Clobetasol Propionate 0.05% w/w Ointment.

Advt. No. MST 132/07. Non-adherent silicon dressing - Mepitel (R) Dressings.

Advt. No. MST 133/07. Injector Syringes.

Advt. No. MST 134/07. Bowie Dick Test.

Advt. No. MST 135/07. Nephrostomy Balloon Catheter Kit.

Advt. No. EXMST 573/06. Acetylsalicylic Acid 500mg injections.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

23rd February, 2007

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni

Id-Direttur Ġenerali Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tat-Taqsima tas-*Support Services* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Sta. Venera, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/07. Kiri ta' tliet (3) karozzi *self drive* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

Formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Consumer and Competition Division

The Director General Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box in the office of the Support Services Section at the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Triq il-Kanun, St. Venera, up to 10.00 a.m. on Friday, 16th March 2007, for:-

Advt. No. 1/07. Hiring of three (3) self drive cars at the Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications.

Tender forms and further information may be obtained from the Consumer and Competition Division, Office for Fair

għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, St. Venera. Persuni jew ditti interessati jistgħu jikkuntattjaw it-Taqsima tas-*Support* fuq in-numru tat-telefon: 21446250-5 għal aktar dettalji.

It-23 ta' Frar, 2007

Trading, Triq il-Kanun, St. Venera. Interested firms or individuals can contact the Support Section on telephone number: 21446250-5 for further details.

23rd February, 2007

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-15 ta' Marzu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 23-07. Provvista u stallazzjoni ta' drappijiet għall-palk għall-Iskola Primarja Patri Ġużé Delia, is-Siġġiewi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 22-07. Xogħlijiet ta' żebgħa u tikħil (fażi 4) fl-Iskola Primarja Patri Ġużé Delia, is-Siġġiewi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Frar, 2007

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 15th March, 2007, for:-

Advt. No. FTS 23-07. Supply and installation of stage draperies at Patri Ġużé Delia Primary School, Siġġiewi.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 16th March, 2007, for:-

Advt. No. FTS 22-07. Internal decoration works (phase 4) at Patri Ġużé Delia Primary School, Siġġiewi.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

23rd February, 2007

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Frar 2007 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal xogħol ta' tħaffir, kostruzzjoni ta' fossa u tħaffir ta' trinka fi Triq il-Ġnien, kantuniera ma' Vjal Oleandri.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

It-23 ta' Frar, 2007

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received up to noon of Wednesday, 28th February 2007 for excavation works for the construction of a cesspit and trench excavation in Triq il-Ġnien corner with Vjal Oleandri.

Further information can be obtained from the Council's office.

23rd February, 2007

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2007, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess magħluqin għal:–

El/01/2007 - Espressjonijiet ta' interess għall-provvista u stallazzjoni ta' bandli, logħob għat-tfal u materjal ta' sigurtà sabiex jitwaħħlu f'diversi bandli f'Pembroke.

Persuni u kumpaniji nteressati għandhom jissottomettu kull dettalji li għandhom speċjalment qisien, specifikazzjonijiet ta' saħħa u sigurtà ta' l-apparat u garanziji.

L-espressjonijiet ta' interess kollha għandhom jiġu sottomessi f'envelop issiġillat. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-Uffiċċju. L-espressjonijiet ta' interess kollha jinfetħu fil-Pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull espressjoni ta' interess, jew parti minnha anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Frar, 2007

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:–

Sealed expression of interest will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Wednesday, 28th February, 2007, for:–

El/01/2007 - Expressions of interest for the provision and installation of play equipment and safety material in various public gardens around Pembroke.

Interested suppliers are to submit all details including dimensions, health and safety specifications and warranty.

All expressions of interest are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Alamein Road, Pembroke during office hours. Expressions of interest will be opened in public after the closing time stipulated.

The Council reserves the right to refuse any expression of interest or part thereof, even the most advantageous.

23rd February, 2007

KUNSILL LOKALI XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali Xewkija jgħarraf illi:

Sas-1.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Marzu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2006/07-02. Servizz ta' konsulent ta' l-ippjanar ambjentali.

Kopji tal-kuntratti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill għall-

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Friday, 9th March, 2007, for:–

Advt. No. 2006/07-02. Environmental Planning Consultancy services.

Copies of tenders are available fromm the Local Council's

ħlas ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku mad-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Frar, 2007

office for the fee of Lm20 (€46.59) for each document. The tenders will be opened in public at the time of the closing date.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the best offer.

23rd February, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

290

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2007, fl-atti tal-Mandat għat-taħrik ta' xhud, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 803/03 RCP, fl-ismijiet Joseph Borg pro et noe vs Vica Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex iservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Pio Camilleri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Jannar 2007, fil-kawża Ċit. Numru 803/03 RCP, fl-ismijiet Joseph Borg pro et noe vs Vica Limited et, ir-rikorrenti Joseph Borg pro et noe talab bir-rispett il-ħruġ ta' mandat ta' taħrik ta' xhieda fil-kawża msemmija hawn fuq kontra l-persuna msemmija aktar 'l isfel u għas-seduta u ħin indikati , u/jew iġġib magħha d-dokumenti,

Persuna biex titħarrek b'xhud: Pio Camilleri

1. Indirizz: The Rocklands, Apt. 13, Tower Road, Sliema u dan ai termini tad-digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2007, - kopja hawn anness Dok. 'A'.

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn: 28 ta' Frar 2007, f'nofsinhar, il-Qrati tal-Ġustizzja, quddiem il-Perit Legali Dr Vincent Galea.

Dokumenti li għandha ġġib magħha.

Iff. Avukat Mark Attard Montaldo.

Iff. P.L. Sacha Guillaumier.

Illum 30 ta' Jannar 2007.

Ippreżentat minn Sacha Guillaumier, BA, LP, b'Dokument.

Iff. R.M. Vella, Deputat Reġistratur.

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on 22 January 2007, in the records of the Warrant for the summons of a witness, in the records of Writ of Summons No. 803/03 RCP, in the names Joseph Borg pro et noe vs Vica Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Pio Camilleri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, on 30th January 2007, the case Writ of Summons No. 803/03 RCP, in the names Joseph Borg pro et noe vs Vica Limited et, the applicant Joseph Borg pro et noe, requested with respect for the issue of a warrant for the summons of a witness in the cause above mentioned against the person hereunder mentioned and for the sitting and time indicated, and/or to bring the documents with him,

Person to be summoned as witness: Pio Camilleri

1. Address: The Rocklands Apt. 13, Tower Road, Sliema and this in terms of the decree given on the 22nd January 2007, - copy hereby attached Doc. 'A'.

Day and time when he is to appear and place: 28th February 2007, at Mid-day, Courts of Justice, before Legal Referee, Dr Vincent Galea.

Documents which he is to produce.

Sgd Advocate Mark Attard Montaldo.

Sgd. L.P. Sacha Guillaumier.

Today, 30th January 2007.

Filed by Sacha Guillaumier, BA, LP, with a Document.

Sgd. R. M. Vella, Deputy Registrar.

Republic of Malta

Warrant of Court

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi mir-rikors ippreżentat hawn fuq fil-kawża msemmija li qiegħda quddiem din il-Qorti tinħtieġ ix-xhieda tal-persuna indikata.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla bix-xhieda ta' Onor. Raymond C. Pace, LL.D., Duttur tal-Liġi, Imħallef ta' din il-Qorti.

Illum 31 ta' Jannar 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To the Marshall of the Courts

Whereas from the application filed above in the case mentioned which is before the Courts the witness of the person indicated is necessary.

Given by the Civil Court First Hall by the witness of the Hon. Raymond C. Pace, LL.D., Doctor of Laws, Judge of this Court.

Today 31st January 2007.

Registry of the Superior Courts, today 19th February 2007.

ADV. DR, FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

291

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Jannar 2007, fil-kawża Ċitazzjoni Numru 214/06 FS, fl-ismijiet Baldacchino Lawrence et vs Baldacchino Carmelo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex iservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta, tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet Lawrence Baldacchino, John Baldacchino u Alfred Baldacchino vs Carmelo Baldacchino, ir-rikorrenti Lawrence Baldacchino, John Baldacchino, u Alfred Baldacchino esponew bir-rispett:

1. Illi fis-26 ta' Jannar 1975, miet Joseph Baldacchino (Dok. A) missier il-partijiet kontendenti u fl-4 ta' Ġunju 1998 mietet Maria Dolores Baldacchino (Dokument B), armla ta' l-imsemmi Joseph u omm il-partijiet kontendenti.

2. Illi l-imsemmija Joseph u Maria Dolores konjugi Baldacchino kienu għamlu testment 'unica charta' in atti n-Nutar Dottor Joseph Raymond Grech, tas-17 ta' Ottubru 1974, illi permezz tiegħu 'inter alia' innominaw lill-erba' uliedhom, cioè l-partijiet kontendenti bħala eredi tagħhom f'sehem indaqs bejniethom (Dokumenti Ċ, D u E).

3. Illi sussegwentement wara l-mewt ta' żewġha Joseph, l-imsemmija Maria Dolores Baldacchino, għamlet testament in atti n-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, tat-2 ta' Awissu 1998, illi permezz tiegħu hija nnominat lill-erba' uliedha l-partijiet kontendenti bħala eredi tagħha f'sehem inqaqs bejniethom salv il-prelegat imħolli skond it-tieni artikolu ta' l-istess testament (Dokumenti F, G u H).

4. Illi l-esponenti jixtiequ li ma jibqgħux jippossedu in komun bejniethom ...Omissis... għalhekk qegħdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Joseph Baldacchino missier il-partijiet kontendenti;...Omissis...

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st January 2007, in the case Writ of Summons Numru 214/06 FS, in the names Baldacchino Lawrence et vs Baldacchino Carmelo, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Civil Court First Hall, on the 15th March 2006, in the names Lawrence Baldacchino, John Baldacchino and Alfred Baldacchino vs Carmelo Baldacchino, the applicant Lawrence Baldacchino, John Baldacchino and Alfred Baldacchino, pleaded with respect:

1. That on the 26th January 1975, Joseph Baldacchino father of the parties died (Doc. A) and on the 4th June 1998 Maria Dolores Baldacchino widow of the said Joseph and mother of the contending parties died (Document B).

2. That the said Joseph and Maria Dolores spouses Baldacchino had made a will 'unica charta' in the records of Notary Dr. Joseph Raymond Grech of the 17th October 1974, in virtue of which 'inter alia' they instituted their four children, that is the four contending parties as theirs heirs in equal shares between them (Documents C, D and E).

3. That subsequently following the death of her husband Joseph, the said Maria Dolores Baldacchino made a will in the records of Notary Dr. Joseph Henry Sciriha of the 2nd August 1998, in virtue of which she appointed her four children, the contending parties as her heirs in equal shares between them, saving the prelegacy left according to the second article of the same will (Documents F, G and H).

4. That the applicants do not wish to remain in possession between them...Omissis... and thus they are asking this Honourable Court:

1. To liquidate the hereditary estate of Joseph Baldacchino father of the contending parties...Omissis...

2. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Maria Dolores Baldacchino, omm il-partijiet kontendenti;...Omissis...

3. Tordna d-diviżjoni ta' l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Joseph Baldacchino f'erba' porzjonijiet...Omissis...

4. Tordna d-diviżjoni ta' l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Maria Dolores Baldacchino u prevja li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat imħolli lill-esponenti; ...Omissis...

5. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' l-immobbli li jirriżultaw li mhumiex komodament diviżibbli, jekk dan ikun neċessarju u opportun għall-istess diviżjoni...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li jibqa' inġunt in subizzjoni.

Dikjarazzjoni.

Lista tax-xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Notifika: 124, Fleet Street, Gżira.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 214/2006 FS, fl-ismijiet Baldacchino Lawrence et vs Baldacchino Carmelo, tinsab differita għall-21 ta' Marzu 2007, fid 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. To liquidate the hereditary estate of Maria Dolores Baldacchino mother of the contending parties...Omissis...

3. To order the partition of the hereditary estate of the said Joseph Baldacchino into four portions; ...Omissis...

4. To order the partition of the hereditary estate of the said Maria Dolores Baldacchino and saving that the applicants be put in possession of the prelegacy left to them; ...Omissis...

5. To order the sale by licitation of the immovables which result not to be easily divisible if this is necessary and opportune for the same partition...

With costs against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Declaration.

List of Witnesses.

List of Documents.

Service: 124, Fleet Street, Gżira.

The case Writ of Summons Number 214/2006 FS, in the names Baldacchino Lawrence et vs Baldacchino Carmelo, has been put off to the 21st March 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

292

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2005, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 8060/05, fl-ismijiet Pater Finance Co. Ltd (C 22643) vs Graziella Piccinino (ID 272778M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex iservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Settembru 2005, lil Graziella Piccinino (I.D. Numru 272778M), is-soċjetà U.C.I.M. Holding Co. Ltd (C 507) ta' UCIM Co. Buildings, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, tagħmel riferenza għal tlieta u tletin (33) kambjala, tnejn u tletin ta' Lm71 (€165.39)-il waħda u l-oħra ta' Lm95 (€221.29), minnek debitament aċċettati u skaduti minn Awissu 2000 sa April 2003 u mhux imħallsa, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi bħala dokumenti minn 1 sa 33 konsekuttivament u inklussivament (animo ritirandi).

Is-soċjetà mittenti tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallasha l-imsemmija somma ta' elfejn, tliet mija sebgħa u

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th October 2005, in the records of the judicial letter number 8060/05, in the names Pater Finance Co Ltd. (C 22643) vs Graziella Piccinino (ID 272778M) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 20th September 2005, to Graziella Piccinino (ID number 272778M), the company U.C.I.M. Holding Co. Ltd (C 507) of UCIM Co. Buildings, Msida Valley Road, Birkirkara, refers to thirty three (33) bills of exchange, thirty two of Lm71 each (€165.39) and the other of Lm95 (€221.29) duely accepted by you and which lapsed from August 2000 to April 2003 and were not paid, copies of which bills of exchange, are being hereby attached as documents 1 to 33 consecutively and inclusively (animo ritirandi).

The interpellant company calls upon you so that within two days you pay the sum of two thousand, three hundred

sittin lira Maltija (Lm2,367) (€5,513.63) flimkien mal-imgħax mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-ħlas effettiv, li sat-16 ta' Settembru 2005, jammontaw għal Lm772 (€1,798.28).

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontra tiegħek ulterjorment bil-Qorti, mingħajr avviż ieħor, inkluż kull mandat opportun.

Din l-intima qed issir għall- finijiet u effetti kollha tal-liġi u speċjalment biex jirrendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli skond il-liġi a tenur tal-Art. 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed tiġi infurmat ukoll, u dana kif rikjest mill-proviso ta' paragrafu (e) ta' Art. 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tista' , permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali titlob lill-Qorti kompetenti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali hawn fuq imsemmija kollha jew f'parti minnhom u dan f'każ li topponi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew kambjali ma tkunx tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek jew fejn għandek raġunijiet oħra gravi u validi biex topponu l-eżekuzzjoni.

Bl-ispejjeż.

Intimata: Graziella Piccinino, Rosanne, Triq Clarence Msida.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and sixty seven Maltese Liri (Lm2,367)(€5,513.63) together with the interest from the lapse of each bill of exchange, till the effective payment which till the 16th September 2005, amount to Lm772 (€1,798.28).

Failing which the interpellant company shall proceed further against you by Court action, without another notice, including any opportune warrant.

This calling is being made for all intents and purposes of law and especially to render the said bills of exchange executable according to law in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

You are also being informed as required by the proviso of paragraph (e) of Art. 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta that you can by means of an application which is to be made within twenty days from the service of this judicial letter to ask the competent Court to suspend the execution of the bill of exchange or bills of exchange above mentioned all or in part and this in case you oppose the execution of the bill of exchange or exchanges, because the signature on that bill of exchange or exchanges, is not yours or of your mandatary and where you have other serious and valid reasons to oppose the execution.

With costs.

Respondent: Graziella Piccinino, Rosanne, Clarence Street, Msida.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 19th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

293

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' HSBC Bank Malta Ltd ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil eredità ġjaċenti ta' Joseph Fenech Close fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 907/07 u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 19th February 2007, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of HSBC Bank Malta Ltd it was ordered the selection of Deputy Curators to represent the vacant inheritance of Joseph Fenech Close in the acts of the judicial letter number 907/07and in all other relative and subsequent acts.

Att: 116, Archbishop Street, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi zmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Silvio Meli, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Frar 2007

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plaintiff: 116, Archbishop Street, Valletta.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Silvio Meli, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 19th February 2007.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 20th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunalscourt 288

294

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Watersure Limited (C35707) ta' 2, Vimar, Sqaq Nru. 1, Triq l-Imdina, in-Naxxar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u ħdax-il lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu (Lm611.36) (€1,424.09) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1057/06MK) hija differita għall-5 ta' Marzu 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th February 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 30th November 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Watersure Limited (C35707) of 2, Vimar, Sqaq Nru. 1, Triq l-Imdina, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and eleven Maltese liri and thirty six cents (Lm611.36)(€1,424.09) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1057/06MK) is put off on the 5th March 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

295

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marvic Micallef (ID31175M) ta' 28, Rose Garden Flat 2, Triq tal-Fawwar, Santa Venera, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mitt lira Maltija u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm600.37) (€1,398.49) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (837/06MK) hija differita għall-5 ta' Marzu 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 9th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 26th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Marvic Micallef (ID31175M) of 28, Rose Garden Flat 2, Triq tal-Fawwara, Santa Venera to pay the plaintiff company the sum of six hundred Maltese liri and thirty seven cents (Lm600.37)(€1,398.49) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 837/06MK) is put off on the 5th March 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

296

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi, iservi ta' notifika skond l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti llum fuq talba ta' John Caruana et magħmula b'rikors tal-25 ta' Settembru 2006 ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati skond il-liġi biex jirrapreżentaw lill-werrieta mhux magħrufa ta' Maria mart Albert Xerri li huma intitolati sabiex jirċievu ċens annwu u perpetwu ta' sittax-il ċenteżmu u tmien millezimi (Lm0.16,8) (€0.39) imposti fuq porzjon raba' denominata "Ta'Psaila" limiti Għajnsielem, Għawdex, ta' kejl ta' ċirka tomna u nofs ekwivalenti għal ċirka elf sitt mija u disgħa u għoxrin punt deċimali tmienja metri kwadri (1,629.8) konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' John Vella, Tramuntana ma' beni ta' George Galea u Punent ma' beni ta' John Cauchi, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 299/2006 fl-ismijiet "Caruana John et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tad-direttarju/i mhux magħrufa" ippreżentata fil-25 ta' Settembru 2006 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Min għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-

It is hereby notified by a decree dated the 14th February 2007, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 931 of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree given by this Court today upon a request by John Caruana et through an application of the 25th September 2006, whereby it was ordered that deputy curators be nominated in terms of law to represent the unknown heirs of Maria, wife of Albert Xerri who are entitled to receive the annual and perpetual emphyteusis of sixteen cents eight mils (Lm0.16,8) (€0.39) imposed on a plot of land denominated "Ta' Psaila", limits of Għajnsielem, Gozo measuring circa a tumolo and a half equivalent to circa one thousand, six hundred and twenty-nine point eight square meters (1,629.8m^2) bounded on the South by property of John Vella, on the North by property of George Galea and on the West by property of John Cauchi, in the schedule of deposit number 299/2006 in re "Caruana John et vs Deputy Curators to represent the interests of unknown director/s" filed on the 25th September 2006 in the Courts of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all relative and subsequent acts.

Whoever is interested to be nominated as a curator is hereby called to call at this Registry within six (6) days and make

Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan u jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur ta' l-uffiċċju.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dottor Paul Coppini, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 14 ta' Frar 2007

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

Illum 14 ta' Frar 2007

SILVANA GRECH
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

known his interest by means of a note to assume such assignment and if such note is not filed within the stipulated time frame, the court will proceed to nominate an official curator.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction under the signature of Magistrate Doctor Paul Coppini, a Magistrate of the said Court.

This 14th February 2007

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

This 14th February 2007

SILVANA GRECH
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

297

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi, iservi ta' notifika skond l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti llum fuq talba ta' John Baptist Vella magħmula b'rikors ta' l-20 ta' Novembru 2006, ġie ordnat li jintagħżlu kuraturi deputati skond il-liġi biex jirrapreżentaw lid-direttarju/i mhux magħrufa li huma ntitolati sabiex jirċievu ċens annwu u perpetwu ta' tliet ċenteżmi u tliet milleżmi (Lm0.03,3) (€0.08) imposti fuq porzjon raba' denominata "Tal-Ferru" sive "Ta' Bardan" limiti Sannat, Għawdex tal-kejl ta' mitejn u ħamsa u tletin punt deċimali tnejn metri kwadri (235.2m.k.) liema kejl jinkludi l-kejl ta' dik il-parti intiża għat-twessigħ tat-Triq Bardan. L-intier konfinanti, Tramuntana ma' beni ta' Luigi Buttigieg, Nofsinhar ma' beni ta' Abba Properties Limited u Lvant mat-triq, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu Nru 377/2006 fl-ismijiet "Vella John Baptist vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tad-direttarju/i mhux magħrufa" ippreżentata fl-20 ta' Novembru 2006 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Minn għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan u jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur ta' l-uffiċċju.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dottor Paul Coppini, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 14 ta' Frar 2007

It is here notified by a decree dated the 14th February 2007, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 931 of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree given by this Court today upon a request by John Baptist Vella through an application of the 20th November 2006, whereby it was ordered that deputy curators be nominated in terms of law to represent the unknown directorċs entitled to receive the annual and perpetual emphyteusis of three cents three mills (Lm0.03,3) (€0.08) imposed on a plot of land denominated "Tal-Ferru" sive "Ta' Bardan" limits of Sannat, Gozo measuring two hundred and thirty five point two square meters (235.2m^2) which measurement includes the part intended for the widening of Bardan Street. The whole land is bounded on the North by property of Luigi Buttigieg, on the South by property of Abba Properties Limited and on the East by the road, in the schedule of deposit number 377/2006 in re "Vella John Baptist vs Deputy Curators to represent the interests of unknown director/s" filed on the 20th November 2006 at the Courts of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all the othere relative and subsequent acts.

Whoever is interested to be nominated as a curator is hereby called to call at this Registry within six (6) days and make known his interest by means of a note to assume such assignment and if such declaration is not filed within the stipulated time frame, the court will proceed to nominate an official curator.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction under the signature of Magistrate Doctor Paul Coppini, a Magistrate of the said Court.

This 14th February 2007

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

Illum 14 ta' Frar 2007

SILVANA GRECH
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

This 14th February 2007

SILVANA GRECH
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

298

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar 2007, fl-atti tar-Rikors Nru 635/1998 GV, fl-ismijiet Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat Meinrad Calleja, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Kostituzzjonali, Rikors Nru 635/98 GV, fl-ismijiet Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija, Direttur tal-Ħabs u Avukat Ġenerali, fil-5 ta' Diċembru 2006, mid-Direttur tal-Ħabs, ir-rikorrenti espona bir-rispett:

Illi b' rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha fl-ismijiet premessi r-rikorrent wara li ppremetta:

Illi fid-19 ta' Novembru 1995, l-esponent ġie mdaħħal fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn mill-ewwel tpoġġa f'dik li hija magħrufa bħala 'Division 6: li hija intiża għall-priġunieri li huma kkastigati u cioè diġà proċessati u misjuba ħatja u kif ukoll għal dawk il-priġunieri li jkunu taħt prevenzjoni detentiva li però ma jkunx fl-interess tal-ġustizzja li jitpoġġa f' ripart ieħor biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tax-xhieda;

Illi l-esponent jirrileva li huwa ma kienx jaqa' taħt l-ebda waħda minn dawn il-kategorji in kwantu illi kien instab ħati u fil-fatt il-proċeduri kontrih għadhom għaddejjin, u lanqas ma seta' jiġi allegat li seta' kien hemm xi riskji ta' kontaminazzjoni ta' xhieda peress li ma kien hemm ebda xhud fil-kawża kontrih fil-mument li kien qed jiġi detenut fil-ħabs;

Illi fis-7 ta' Marzu 1996, ġie ttrasferit minn Division 6 għal Division 3, però fil-15 ta' Mejju 1996, reġa' ġie trasferit għal Division 6 fejn dam sat-28 ta' Lulju 1996, meta allura reġa' ġie trasferit għal Division 4;

…….Omissis……

Illi għalhekk qagħad kważi sitt xhur f'Division 6 u dan bi ksur ta' dak li jistabbilixxu r-Regolamenti tal-Ħabs, kif se jiġi ppruvat aktar 'il quddiem;

Illi aktar minn hekk hu ngħata trattament għal kollox

It is hereby notified that the Constitutional Court by means of a decree given on the 8th February 2007, in the records of the Application Number 635/1998GV, in the names Meinrad Calleja vs Commissioner of Police et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Meinrad Calleja, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Constitutional Court Application Number 635/98 GV, in the names Meinrad Calleja vs Commissioner of Police, Director of Prisons and Attorney General, on the 5th December 2006, by the Director of Prisons, the applicant pleaded with respect;

That by means of an application before the First Hall Civil Court in its Constitutional jurisdiction in the names premised the applicant after having premised;

That on the 19th November 1995, the applicant after having premised that he had entered the Corradino Correctional Facility where he was immediately put in that known as 'Division 6' which is intended for prisonsers who are punished and that is already processed and found guilty and also those prisoners who are under preventive custody, but in the interest of justice should not be put in another division, in order that the evidence is not diluted;

That the applicant pointed out that he did not fall under anyone of these categories in so far as he was found guilty and infact procedures against him are still going on, and it could not be alleged that there was any risk of dilution of the evidence as there was no witness in the cause against him at the moment he was being held in prison;

That on the 7th March 1996, he was transferred from Division 6 to Division 3, however on the 15th May 1996, he was transferred again to division 6 where he remained to the 28th July 1996, when he was transferred to Division 4:

…….Omissis……

That thus he stayed almost six months in Division 6 and this in violation of that established by the prison Regulations, as shall be proved later on;

That furthermore he was subject to inhuman and degrading

inuman u degradanti u di fatti l-Avukati difensuri ta' l-esponent fil-proċeduri kriminali, irreġistraw u vverbalizzaw diversi protesti f'dan is-sens;

Illi għal żmien twil hu kellu jgħaddi billi jiġi mċaħħad minn drittijiet minimi li d-dinjità umana jistħoqqilha u li priġunieri oħra kienu jgawdu; …….Omissis……

Illi dwar dan it-trattament, l-awtoritajiet intimati kien hemm min kien jaf bihom, bħala per eżempju l-Bord tal-Viżitaturi tal-Ħabs u anke l-istess Direttur intimat; …….Omissis……

Illi dan l-aġir ta' l-intimati awtoritajiet li kienu kollha konsapevoli ta' dak li kien għaddej minnu l-esponent, u li kull miżura meħuda ma kinetx ġustifikata - u kwindi l-aġir ta' l-intimati huwa vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-individwu li jkun imħares minn trattament inuman u degradanti …….Omissis……

Illi għalhekk huwa ċar li da parti ta' l-Awtoritajiet intimati kien hemm ksur pales tad-dritt fundamentali sanċit minn Artikolu 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea rispettivament u vjolazzjoni tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza ai termini ta' l-Artikolu 39(5) u l-Artikolu 6(2) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea rispettivament;

Illi r-rikorrent talab għalhekk lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara li l-aġir ta' l-awtoritajiet intimati kif fuq spjegati huma bi ksur ta' l-Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea rispettivament u bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u li tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet opportuni biex jiġi rettifikat u rimedjat il-preġudizzju li sofra l-istess rikorrent.

Illi l-intimati kollha permezz ta' risposta konġuntiva eċċipew is-segwenti:

Preliminarjament li la l-Kummissarju tal-Pulizija u lanqas l-Avukat Ġenerali ma huma leġittimi kontradittur f'din il-kawża stante li ta' l-ewwel mhux responsabbli mit-tmexxija tal-ħabs waqt li t-tieni mhux leġittimu kontradittur għaliex ġaladarba jista' jiġi identifikat il-leġittimu kontradittur, l-Avukat Ġenerali m'għandux għalfejn jiġi mħarrek u dan ai termini ta' l-Artikolu 181 B tal-Kap. 12. Għalhekk kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Ġenerali għandhom jiġu liberati bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Illi preliminarjament ukoll, billi r-rikorrent seta' uża l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru 1995, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tisma' din il-kawża għaliex ir-rikorrent kellu rimedji oħra.

Ma dan ukoll irid jiżdied ir-rimedju l-ieħor li jingħata mir-Regolamenti tal-Ħabs li permezz tagħhom persuna tista'

treatment and infact his defence Lawyers in the criminal procedures, registered and minuted various protests in this sense;

That for a long period of time he was deprived from minimum rights which human dignity deserves and which other prisoners enjoy …….Omissis……

That as regards the treatment, certain respondent authorities knew about them, such as the Board of Prison Visitors and the same respondent Director; …….Omissis……

That this behaviour of the respondent authorities who all knew through what the applicant was passing, and that every measure taken was not justified – and thus the behaviour of the respondents, is a violation of the fundamental right of the individual to be protected from inhuman and degrading treatment …….Omissis……

That thus it is clear on the part of the respondent Authorities that there was a clear violation of a fundamental right sanctioned by Article 36 and 3 of the Constitution and the European Convention respectively and a violation of the principle of the presumption of innocence in terms of Article 39(5) and Article 6(2) of the Constitution and the European Convention respectively;

That the applicant prayed thus that the Honourable Court of First Instance declare that the behaviour of the respondent authorities as above explained are a violation of Articles 36 and 3 of the Constitution and the European Convention respectively and inviolation of Article 39(5) of the Constitution and Article 6(2) of the European Convention and to give those provisions and opportune orders in order to rectify the prejudice suffered by the same applicant.

That all the respondents by means of a joint reply pleaded:

Preliminary nor the Commissioner of Police nor the Attorney General are the legitimate respondents, in this suit since the first is not responsible from the administration of the prisons, whilst the second is not the legitimate respondent because once the legitimate respondent is identified, the Attorney General should not be summoned and this in terms of Article 181B of Chapter 12. Thus both the Commissioner of Police and the Attorney General are to be freed with costs against the respondent.

That in the first place, whereas the applicant could have used Article 469A of Chapter 12, which has been in force since the 1st October 1995, this Honourable Court should decline from hearing this cause because the applicant had other remedies.

However the other remedy should be added which emerges from the Prison Regulations in virtue of which a person can

tressaq l-ilment tagħha quddiem il-Bord tal-Viżitaturi.

Illi fil-mertu assolutament ma sar ebda ksur ta' l-Artikoli msemmija mir-rikorrent.

…….Omissis……

Illi dwar il-verbali magħmula mill-avukati tar-rikkorent waqt il-proċeduri kriminali, tela' jixhed id-Direttur tal-Ħabs ta' dak iż-żmien, is-Sur Emmanuel Cassar li kien spjega l-fatti kif wieħed jista' jara mill-proċess.

…….Omissis……

Illi l-allegazzjonijiet kollha li ġab ir-rikorrent bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala trattament inuman jew degradanti, la skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas skond il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem …….Omissis……

Illi l-preżunzjoni ta' l-innoċenza hija ħaġa strettament li għandha x'taqsam ma' proċeduri ġudizzjarji, jiġifieri meta l-każ ikun qiegħed quddiem il-Qorti. Huwa d-dmir tal-Qorti li tħares dan il-prinċipju. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent imkien ma jirreferi għal xi proċeduri quddiem il-Qorti u għalhekk ir-referenza għall-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u għall-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija irrilevanti.

Illi fi kwalunkwe każ ma jistax wieħed jifhem kif il-miżuri neċessarji li jittieħdu f'ħabs fejn partikularment l-akkużi huma ta' natura gravi jistgħu xi darba jitqiesu bħala li jmorru kontra dan il-prinċipju.

…….Omissis……

Illi permezz ta' sentenza preliminari tal-14 ta' Lulju 1999, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat u lliberat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju iżda ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati li r-rikorrent kellu rimedji oħra.

Illi permezz ta' sentenza datata 24 ta' Novembru 2006, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-intimat Direttur tal-Ħabs ħati ta' ksur ta' l-Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament fil-konfront tar-rikorrent……

…….Omissis……

Illi permezz ta' l-istess sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti ma laqgħetx it-talba tar-rikorrent għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea …….Omissis……

bring his complain before the Board of Visitors.

That as regards the merit there was absolutely no violation of the Articles mentioned by the applicant.

…….Omissis……

That as regards the minutes made by the applicant's Lawyers during the Criminal procedures, the Director of Prisons, at that time Mr Emmanuel Cassar testified that he explained the facts as one can see from the proceedings.

…….Omissis……

That all the allegations brought by the applicant, can in no manner be considered as inhuman and degrading treatment nor according to the Constitution of Malta, nor according to the European Convention of Human Rights …….Omissis……

That the presumption of innocence is something which is strictly related to judicial procedures, that is when the case is before the Court. It is the duty of the Court to safeguard this principle. In the original application , the applicant nowhere refers to any procedures, before the Court and thus the reference to article 39(5) of the Constitution and Article 6(2) of the Convention regarding Human Rights are irrelevant.

That in any case one cannot understand how the necessary measures which are taken in a prison where particulary the charges are of a grievous nature can be considered as going against this principle.

…….Omissis……

That in virtue of a preliminary judgement of the 14th July 1999, the Honourable Court of First Instance had upheld the first plea of the respondent and freed the Commissioner of Police and the Attorney General from the observance of the judgement, but rejected the second plea of the respondents that the applicant had other remedies.

That in virtue of a judgement dated 24th November 2006, the Honourable Court of First Instance, found the respondent Director of Prisons, guilty of a violation of Articles 36 and 3 of the Constitution and Convention respectively in respect of the applicant …….

…….Omissis……

That in virtue of the same judgement the Honourable Court of First Instance did not uphold the demand of the applicant for a declaration of a violation of Article 39(5) of the Constitution and Article 6(2) of the European Convention …….Omissis……

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza limitatament għal dik il-parti tagħha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-esponent ħati ta' ksur ta' l-Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament fil-konfront tar-rikorrent …….Omissis……

Illi l-aggravju ta' l-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienx imissha sabitu ħati ta' ksur ta' l-Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament fil-konfront tar-rikorrent, …….Omissis……

A. Illi l-esponent jerġa' jtenni li l-maġġor parti ta' l-allegazzjonijiet tar-rikorrent m'huma xejn ħlief rakkonti mhux korroborati tar-rikorrent …….Omissis……

Illi b'hekk il-livell ta' provi mressqa mir-rikorrent appellat huma ferm 'il boghod minn dak stabbilit mill-ġurisprudenza f'każijiet b'materja simili, partikolarment dik stabbilita mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li tirrikjedi provi 'beyond reasonable doubt' kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel.

B. Fatti

Illi bħala fatti tal-każ l-esponent jibda biex jirrileva kif ġie stabbilit quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li r-rikorrent daħal il-ħabs fid-19 ta' Novembru 1995 u tpoġġa f' diviżjoni 6 fejn dam sas-6 ta' Marzu 1996 …….Omissis……

Ċ. Dwar Diviżjoni 6

Illi jiġi rilevat ulterjorment illi waħda mill-ewwel allegazzjonijiet infondati li għamel ir-rikorrent appellat u li ġiet pjenament kontradetta mill-esponent hija proprju dwar l-istat tad-diviżjoni 6 nfisha.

…….Omissis……

D. High Risk Prisoner

Illi fil-prinċipju l-Ewwel Onorabbli Qorti aċċettat l-apprezzament ta' fatt li għamel l-intimat li r-rikorrent appellat kien high risk u li għalhekk kellu jieħu l-miżuri li ħa.

Illi però l-istess Qorti qalet ukoll li ma tressqet ebda prova sodisfaċenti li, meta ddaħħal l-ewwel darba f'diviżjoni 6, il-kondotta tar-rikorrent kienet ta' riskju għas-sigurtà, ħlief għal fatt li hu kien akkużat bi traffikar ta' sostanza konsiderevoli ta' droga u conspiracy …….Omissis……

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti l-esponent isostni li din m'għamlitx apprezzament xieraq taċ-ċirkostanzi partikolari li kienu jiċċirkondaw lir-rikorrent appellat u li minħabba fihom l-esponent ma kellux għażla oħra ħlief li jieħu l-miżuri li ħa …….Omissis……

That the applicant felt aggrieved by the said judgement limitedly, as regards that part whereby the Honourable Court of First Instance found the applicant guilty of a violation of Articles 36 and 3 of the Constitution and the Convention respectively towards the applicant …….Omissis……

That the grievance of the applicant is clear and manifest and consists in the fact that the Honourable Court of First Instance should not have found him guilty of a violation of Articles 36 and 3 of the Constitution and the Convention respectively towards the applicant …….Omissis……

A. That the interpellant once again upholds that the major part of the allegations of the applicant are simply narrations of the applicant which are not corroborated …….Omissis……

That thus the level of proof brought forward by the respondent applicant, are far from that established by jurisprudence, in similar cases particulary that established by the European Court of Human Rights, which requires proof beyond reasonable doubt' as shall be proved later on.

B. Facts

That as regards facts of the case the interpellant starts to point out as was established before the Honourable Court of First Instance that the applicant was admitted to prison on the 19th November 1995 and was put in division 6 where he stayed till 6th March 1996 …….Omissis……

C. Regarding Division 6

That it is further submitted that one of the unfounded allegations made by the respondent applicant and which was completely contradicted by the interpellant is precisely regarding the state of division 6 itself.

…….Omissis……

D. High Risk Prisoner

That in principle the Honourable First Court accepted the appreciation of fact made by the respondent that the respondent applicant was a high risk and thus he had to take the measures he had taken.

That however the same Court stated that no sufficient proof was brough that, when he was first taken to division 6, the conduct of the applicant was a risk to to security, except for the fact that he was accused with the trafficking of a substantial amount of drugs ad conspiracy …….Omissis……

That with all respect, towards the Honourable Court of First Instance the interpellant upholds that it did not make a reasonable appreciation of the particular circumstances which surroned the respondent applicant and because of which the interpellant had no remedy but to take the measures he had taken …….Omissis……

Illi dwar l-ewwel darba li r-rikorrent appellat iddaħħal f'Diviżjoni 6, jerġa' jiġi enfasizzat li meta daħal il-ħabs f'Novembru 1995 in-natura ta' l-akkużi li kellu u cioè fost affarijiet oħra assoċjazzjoni ta' traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga kienu serjissimi …….Omissis……

Illi fiċ-ċirkustanzi l-esponent ma kellux alternattiva oħra opportuna u xierqa ħlief li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi salvagwardata s-sigurtà tal-ħabs..…Omissis…

Illi inoltre l-enfasi fuq is-siġurtà tar-rikorrent ma kinetx ġejja min-naħa ta' l-esponent biss imma anke minn naħa tal-Qrati …….Omissis……

Illi l-kwistjoni tal-high risk abbinata mar-rikorrent kompliet tiġi sostanzjata b'aktar informazzjoni kunfidenzjali li kienu nsterqu żewġ Pajeros bojod u li l-esponent ġie infurmat li kien hemm suspett li f'tentattiv ta' ħarba jew hostage taking dawn setgħu jinżebgħu bħala Pajeros tal-Pulizija ta' l-SAG u dan peress li r-rikorrent kien jiġi skortat mill-Pulizija ta' l-SAG.

Illi dwar it-tieni perjodu li r-rikorrent tpoġġa f' diviżjoni 6 jiġi rilevat li minħabba ċirkostanzi ġodda ta' natura serja li nqalgħu reġgħet inħasset il-ħtieġa li r-rikorrent jitpoġġa taħt sigurtà massima …….Omissis……

Illi fid-dawl tas-suespost għalhekk l-esponent isostni li ġie sodisfaċentement ippruvat minnu l-element ta' high risk tar-rikorrent li wassal lill-esponent jieħu d-deċiżjonijiet li ħa fil-konfront tiegħu.

E. Dwar it-Trattament tar-Rikorrent f'Diviżjoni 6.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha kkunsidrat li wara li semgħet il-provi kollha waslet għall-konklużjoni li nonostante l-miżuri li ħa l-esponent appellant huwa eċċeda fl-aġir tiegħu b'mod li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appellat.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti l-esponent jibda biex jirribatti li f'dan il-kuntest l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss ħadet in kunsiderazzjoni l-fatt li kemm meta ddaħħal f'din id-diviżjoni l-ewwel darba f'Novembru 1995, kif ukoll meta reġa' tqiegħed hemm it-tieni darba f'Mejju 1996, l-esponent għamel dak kollu possibbli sabiex il-miżuri ta' sigurtà jkunu stretti sakemm kien biss neċessarju u mhux aktar.

Illi wkoll meta r-rikorrent reġa' tpoġġa fid-diviżjoni 6 f'Mejju 1996, l-ex-Direttur fix-xhieda tiegħu stqarr li kien jinforma lir-rikorrent li malli l-proċess tal-każ ta' Richard Cachia Caruana kien se jilħaq ċertu stadju, u cioè jixhdu ċ erti xhieda partikolari, ir-rikorrent kien se jitneħħa mid-Diviżjoni 6. …….Omissis……

That as regards the first time that the respondent applicant was taken to Division 6, it is once again emphasized that when he was admitted to prison in November 1995, the nature of the charges he had were amongst others associations to traffic drugs were very serious …….Omissis……

That in the circumstances, the interpellant had no opportune alternative but to take all the necessary measures to safeguard the prison security …….Omissis……

That furthermore the emphasis on the security of the applicant was not coming from the part of the interpellant only, but also from the part of the Courts …….Omissis……

That the question of high risk is linked with the applicant was further substantiated by more confidential information that two white Pajeros had been robbed and that the interpellant was informed that there was a suspicion that in case of an attempted escape or hostage taking these could have been sprayed like the Pajeros used by the SAG Police and this because the applicant was escorted by the SAG Police.

That as regards the second period that the applicant was put in division 6, it is pointed out that because of new circumstances of a serious nature which arose the need was felt that the applicant be put under maximum security …….Omissis……

That in the light of the above thus the interpellant upholds that he sufficiently proved the element of high risk of applicant which brought about the interpellant to take the decisions he took in his regard.

E. Regarding the treatment of the Applicant in Division 6.

That the Honourable Court of First Instance considered after hearing all the proof it arrived to the conclusion that notwithstanding the measures taken by the interpellant he exceeded in his actions in such a manner as to have violated the fundamental rights of the respondent applicant.

That with all respect, towards the Honourable First Court the interpellant starts by rebutting that in this context the Honourable Court of First Instance did not even take into consideration the fact that both when he was admitted in this division for the first time in November 1995, as well as when he was put there the second time in May 1996, the interpellant did all that was possible so that the security measures were only as strict as was necessary and nothing more.

That also when the applicant was put once again in division 6 in May 1996, the ex-director in his evidence testifited that he had informed the applicant that when the proceedings of the case of Richard Cachia Caruana, had reached a certain stage and namely certain witnesses had testified the applicant was going to be removed from Division 6 …….Omissis……

B'hekk jirriżulta b'mod mhux kontradett li r-rikorrent kien espost għal sigurtà massima għal perjodi BISS li kienu neċessarji u mhux għal perjodi eċċessivi.

Illi dwar it-trattament innifsu tar-rikorrent fil-perjodu li kien dam f'Diviżjoni 6, l-esponent jiċħad kategorikament illi dan kien fil-grad ta' severità minima fil-kuntest tal-ġurisprudenza dwar l-Artikoli in kwistjoni u dan kif se jiġi spjegat.

(i) Il-kundizzjonijiet taċ-ċella.

Illi l-fatt li r-rikorrent ma setax iżomm fiċ-ċella tiegħu f'Diviżjoni 6 affarijiet bħal ħwejjeġ, razor blades, eċċ. huwa abbinat ma' kwistjonijiet ta' sigurtà u mhux bħala degradazzjoni tar-rikorrent …….Omissis……

(ii) aċċess għal gazzetti, ġurnali jew kotba, TV u Radio

Illi skond l-Ewwel Qorti l-esponent impona fuq ir-rikorrent reġim bla aċċess għal gazzetti, ġurnali jew kotba ,TV u Radio.

Illi għal darba' oħra l-esponent isostni li l-Ewwel Onorabbli Qorti, injorat għal kollox ir-raġunijiet ġustifikabbli mressqa mill-esponent fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern …….Omissis……

Illi huwa ammess li għal bidu li r-rikorrent iddaħħal f'diviżjoni 6 huwa ma ngħatax aċċess għal gazzetti u ġurnali minħabba riskju li seta' jkun hemm messaġġi moħbija li l-awtoritajiet ma jifmuhomx però jifhimhom ħaddiehor però sussegwentement l-appellat odjern thalla jdaħħalhom meta ma kienx fadal periklu ta' sigurtà …….Omissis……

Illi dwar l-aċċess għal kotba ġie ppruvat li għalkemm fiżikament kull priġunier li kien jinżamm f'diviżjoni 6 ma kien jitħalla jmur il-librerija, però dawn kienu jingħataw il-faklutà li jekk iridu l-istess priġunieri, il-gwardjani kienu jniżżlulhom il-kotba li jitolbu mil-librerija. L-istess kien japplika għar-rikorrent appellat.

Illi dwar it-television …….Omissis……ma setax jiġi installat wieħed fiċ-ċella tiegħu stess kif ippretenda hu peress li d-Diviżjoni 6 kellha ħafna ħadid għal raġunijiet ta' sigurtà …….Omissis……

Illi dwar ir-radju għal bidu r-rikorrent appellat ma ngħatax aċċess għalih stante possibbiltà li jgħaddi xi messaġġi …….Omissis……

(iii) Dawl qawwi quddiem iċ-ċella tar-rikorrent.

Illi mhux kontestat li għal żmien qasir il-bozza li kien

Thus it resulted not contradicted that the applicant was exposed to maximum security for ONLY those periods that were necessary and not for excessive periods.

That as regards the treatment of the applicant in the period he remained in Division 6, the interpellant categorically denies that was in the grade of minimum severity in the context of jurisprudence, regarding the Article in question and this as shall be explained.

(i) The conditions of the cell.

That the fact that the applicant could not hold in his cell in division 6 things like clothes, razor blades, ecc is linked with maters of security and not as a degradation of the applicant. …….Omissis……

(ii) access to newspapers, magazines or books, TV and radio.

That according to the First Court the intepellant imposed on the applicant a regime without access to newspapers, magazines or books, Tv and Radio.

That one again the interpellant submits that the Honourable First Court, ignored completely the justifiable reasons brought by the interpellant in the light of the particular circumstances of the present case …….Omissis……

That it is admitted that in the beginning the applicant was admitted into division 6 he did not have access to newspapers, magazines, due to the risk that there could have been hidden messageswhich the authorities did not understand, but which others understood but subsequently the present respondent was allowed to take them in when there was no danger to security …….Omissis……

That as regards access to books it was proved that although physically each prisoner who was held in division 6 was not allowed to go to the library, but they had the faculty that if the same prisoners wanted, the security brought them the books they wanted from the library. The same applied to the respondent applicant.

That as regards the television…….Omissis. It could not be installed in his cell as he pretended, because Division 6 had a lot of iron, for reasons of security …….Omissis……

That as regards the radio in the beginning, the respondent applicant was not given access to it because of the possibility that he passes some messages …….Omissis……

(iii) Strong light before the cell of the applicant.

That it is not contested that for a short time the bulb that

hemm fiċ-ċella tar-rikorrent appellat kienet tiġi faċċata tas-sodda b'tali mod li meta persuna tkun mimduda b'wiċċha lejn il-bieb id-dawl kien jirrifletti f'wiċċha .....Omissis..... mix-xhieda tal-ex-Direttur tal-Ħabs Emmanuel Cassar, malli hu sar jaf b'dan l-ilment niżel personalment u wara li kkonstata li l-pożizzjoni tal-bozza setgħet kienet qed toħloq skumditàlir-rikorrent dan ta ordni biex jinġieb electrician u jirrimedja s-sitwazzjoni .....Omissis.....

(iv) Dwar l-iskorta u l-manetti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet nuqqas ukoll fl-esponent għax skond ma qalet hi r-rikorrent appellat kien ikun skortat u mmanettjat ħafna mill-ħin.

Illi dwar l-iskorta l-esponent jerġa' jenfasizza li kif jirriżulta mix-xhieda ta' Emmanuel Cassar ir-rikorrent appellat f'ebda ħin ma kien ikun skortat waqt li kien fid-Diviżjoni 6, però jekk jiġi biex jinħareġ mid-Diviżjoni biex imur quddies eċċ., kien jiġi skortat.

Illi dan kien isir biss għal raġunijiet ta' sigurtà u mhux biex l-appellat jiġi b'xi mod degradat.

.....Omissis.....

(v) Telefonati

Illi dwar it-telefonati l-Ewwwel Onorabbli Qorti rreferiet speċifikatament għal okkażżjoni partikulari meta r-rikorrent appellat ma tħalliex iċempel lill-familjari tiegħu .....Omissis.....

Illi l-esponent jerġa' jirribatti billi jirrileva li bis-saħħa ta' l-Artikolu 59(1) tar-Regolamenti tal-Ħabs, it-telefonati kollha li jagħmlu l-priġunieri huma minn huma, kienu jiġu monitored u anke rrekordjati. Dan kien isir mingħajr distinzjoni jew diskriminazzjoni u mingħajr preġudizzju jew abbuż lejn xi priġunier partikolari.

.....Omissis.....

Illi fi kwalunque każ jiġi rilevat li huwa minnu li għal raġunijiet ta' sigurta' għal perjodu qasir u cioè għal bidu li daħal il-ħabs f'Novembru 1995 sa Frar 1996, ir-rikorrent ma kienx tħalla jagħmel telefonati, ...Omissis.....

Illi l-Ewwel Qorti donnha poġġiet f'dubbju r-raġuni ta' sigurtà għal telefonta ma' tifel ta' 4 snin, però bir-rispett kollu lejn dik l-Onorabbli Qorti l-esponent kellu raġunijiet validissimi għalfejn ma ħalliex lanqas dik il-konċessjoni .....Omissis.....

Illi però jiġi rilevat ulterjorment illi r-rikorrent appellat

was in the cell of the respondent applicant was opposite the bed in such a manner that when a person lying down facing the door the light reflected in its face .....Omissis..... from the evidence of the ex Director of Prisons Emmanuel Cassar, as soon as he got to know of the complaint he went down personally, and after examining the position that the bulb could have been creating discomfort to the applicant, he ordered that an electrician be brought to remedy the situation.. .....Omissis.....

(iv) Regarding the escorting and handcuffs.

The Honourable Court of First Instance found a failure in that the interpellant as according to it the respondent applicant was escorted and handcuffed for a long period.

That as regards the escorting the interpellant emphasis that as results from the evidence of Emmanuel Cassar the respondent applicant at no time was he escorted when he was in division 6, but if he went out of the diision to go to mass he was escorted.

That this was done only for reasons of security and not in order to degrade the respondent in any manner.

.....Omissis.....

(v) Phone calls.

That as regards phone calls the Honourable Court of First Instance referred specifically to a particular occasion when the respondent applicant was not allowed to phone to his family .....Omissis.....

That the interpellant rebuts once again, but pointing out that in virtue of Article 59(1) of the Prison Regulations , all the telephones, that prisoners make whoever they are, are monitored and recorded. This is done without any distinction or discrimination and without prejudice or abuse to any particular prisoner.

.....Omissis.....

That in any case it is pointed out that it is the case that for reasons of security for a short period in the beginning that he was admitted to prison in November 1995 to February 1996 the applicant was not allowed to make phone calls .....Omissis.....

That the First Court wanted to put into doubt the reason for security of a telephone call with a four year old boy however with all respect, towards that Honourable Court the interpellant had very valid reasons, because he did not allow even that concession .....Omissis.....

That however it is further submitted that the respondent

qatt ma ġie mċaħħad milli jagħmel telefonati f'dak il-perjodu bejn Diċembru 1995 u Frar 1996, lill-Avukat tiegħu. Ukoll meta beda jingħata permess li jagħmel telefonati huwa kien iċempel regolarment lill-familjari u lil dawk li kellu permess li jiġu jarawh l-istess bħal priġunieri oħra …….Omissis……

(vi) Il-contact u n-non contact visits.

Illi anke f'dan r-rigward l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet biss fuq l-allegazzjonijiet li għamel ir-rikorrent u ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-ispjega ta' l-awtoritajiet.

Illi fil-fatt l-esponent isostni li fil-kuntest tal-contact visits li kien ikollu r-rikorrent appellat, peress li kien meqjus bħala high risk prisoner kien ġie deċiż a tenur tar-Regolament 51(3) li l-uffiċjal inkarigat mis-sigurtà, is-Surgent Bernard Zahra, jisma' dak li jingħad bejn il-priġunier u l-persuni li jkunu ġew iżuruh …….Omissis……

Illi in oltre dwar il-contact visits irriżulta mix-xhieda ta' Emmanuel Cassar li fil-perjodu li r-rikorrent kien f'Diviżjoni 6, Meinrad Calleja kien ikollu diversi contact u non-contact visits …….Omissis……

Illi wkoll, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent appellat, meta mart ir-rikorrent u viżitaturi oħrajn kienu jiġu għall-contact visit mar-rikorrent is-Surġent Zahra dejjem, ħlief darba, kien ikun qed jistenniehom fil-ħin stabbilit għal-vista …….Omissis……

(vii) Dwar il-kundizzjoni fiżika u medika tar-rikorrent appellat.

Illi anke dwar dan l-aspett, l-esponent jerġa' jirribatti l-allegazzjonijiet ta' l-appellat bħala mhux ippruvati u mhux sostanzjati bl-aħjar prova, u cioè dik dokumentarja.

Illi hekk per ezempju dwar il-kundizzjoni fiżika tiegħu r-rikorrent issottometta quddiem l-Ewwel Qorti li din marret lura waqt li kien ġewwa Diviżjoni Sitta konsegwenza tal-fatt li hu kien f'din id-diviżjoni. Illi però b'kull rispett lejn din it-teżi ma nġiebet ebda prova medika konkreta li torbot mard fiżiku ta' l-esponent mal-fatt innifsu li kien qiegħed f' Diviżjoni 6 …….Omissis……

Illi mill-istess xhieda tat-tabib Cassar jirriżulta hija kienet prassi komuni għad-detenuti li jibagħtu għat-tabib kontinwament …….Omissis……

Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li wara li sarlu intervent kirurġiku reġa' tpoġġa f'Diviżjoni 6, kontra rakkomandazzjoni tat-tobba, dan ġie miċħud kategorikament mill-ex-Direttur tal-Ħabs Emmanuel Cassar …….Omissis……

Illi f'dan il-kuntest jirriżulta wkoll bħala allegazzjoni

applicant was never deprived from making phone calls during that period between December 1995 to February 1996 to his Lawyer. Even when he was given permission to make phone calls he regularly phoned his family and those who were allowed to come and see, him like other prisoners …….Omissis……

(vi) the contact and non-contact visits.

That even in this regard the Honourable First Court rested only on the allegations made by the applicant and did not take into consideration the explanation of the authorities.

That in fact the interpellant, submits that in the context of the contact visit that the applicant respondent had, as he was considered as a high risk prisoner, it was decided in terms of Regulation 51(3) that the official in charge of security Sergeant Bernard Zahra hear what was stated between the prisoner and the persons who had come to visit him ….Omissis……

That furthermore regarding the contact visists it resulted from the evidence of Emmmanuel Cassar, that during the period the applicant was in Division 6, Meinrad Callejad had various contact and non-contact visits ….Omissis……

That even contrary to that alleged by the applicant respondent when the wife of the applicant and other visitors came for the contact visit with the applicant, Sergeant Zahra, always waited for them except once, he used to wait for them at the time fixed for the visit …….Omissis……

(vii) Regarding the physical and medical condition of the respondent applicant.

That even as regards this aspect, the interpellant, once again rebuts the allegations of the respondent as not proved and substantiated with the best proof and that is documentary proof.

That thus for example regarding his physical condition the applicant submitted before the First Court that this deteriorated when he was in division six as a consequence of the fact that he was in this division. That however with all respect regarding this thesis no concrete medical proof was brought that binds the physical sickness of the applicant with the fact that he was in Division 6 …….Omissis……

That from the same evidence of Doctor Cassar it results that it was a common practice for the prisoners to call on the Doctor continually …….Omissis……

That as regards the complaint of the applicant that after a surgical intervention he was put back again in division 6, against the recommendation of the Doctors, this was categorically denied by the ex-Director of Prisons Emmanuel Cassar ….Omissis…

That in this context it results as an unproved allegation

mhux ippruvata dak li qal ħu r-rikorrent Patrick Calleja fl-affidavit tiegħu li 'wieħed mill-avukati li jaħdem fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman qalli li gwardjan irraporta li dakinhar li ġie lura mill-isptar, ra lil Meinrad ma' l-art fiċ-ċella tiegħu u ra wkoll li kien qed ikollu l-konvulżjonijiet .....Omissis.....

(viii) Dwar infezzjonijiet minħabba drenaġġ u ġrieden.

Illi anke fuq dan il-punt l-esponent jirribatti l-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti .....Omissis.....

Illi l-esponent jerġa' jenfasizza li dwar l-ilment tal-infezzjoni mill-grieden li allegatament sofra r-rikorrent appellat l-esponent jirribatti li għal kuntrarju ma kien hemm ebda rapport ta' infezzjoni ta' dan it-tip .....Omissis.....

Illi ulterjorment jiġi rilevat li perjodikament ukoll persuni inkarigati kienu jduru l-ħabs u jitfgħu pilloli u velenu għall-prevenzjoni mill-ġrieden. Qatt però ma nstabu ġrieden ġewwa ċ-ċelel u lanqas kien hemm il-ħtieġa ta' fumigazzjoni tad-diviżjoni kif allega r-rikorrent .....Omissis.....

(ix) Nuqqas ta' għoti ta' karti u pinen

Illi ilmenti oħra tar-rikorrent appellat fosthom li ma kienx jingħata karti u pinen ġew kategorikament miċħuda mill-esponent. Fl-affidavit tiegħu s-Surġent Bernard Zahra kkonferma li r-rikorrent kien jingħata kemm karti kif ukoll pinen kull meta jitlob. L-unika ħaġa kienet illi hu kien ikun obbligat jirritorna l-pinna meta jlesti u dan għal raġunijiet ta' sigurtà. Dawn ir-regolamenti kienu jgħoddu għad-Diviżjoni 6 kollha u mhux għar-rikorrent biss.

Illi dan ġie kkonfermat mill-ex Direttur tal-Ħabs Emmanuel Cassar li fl-affidavit tiegħu, xehed dwar l-ammont konsiderevoli ta' ittri li kien jibgħat Meinrad Calleja kemm dam il-ħabs, inkluż meta kien f' Diviżjoni 6 .....

.....Omissis.....

(x) Komunikazzjoni ma' persuni oħra

Illi kontestazzjoni oħra ta' l-esponent hi li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent appellat quddiem l-Ewwel Qorti qatt ma ngħata xi ordni jew struzzjoni lid-direttur spiritwali tal-ħabs jew lis-social workers biex ma jkellmux lil Meinrad Calleja jew lil xi priġunier ieħor.

Illi b'hekk l-esponent jenfasizza li globalment il-maġġor parti ta' l-allegazzjonijiet fil-kawża odjerna m'huma xejn ħlief rakkonti mhux korroborati tar-rikorrent jew inkella detto del detto .....

.....Omissis.....

what the brother of the applicant Patrick Calleja stated in his affidavit that 'one of the Lawyers who works in the office of the Ombudsman said that a security stated that on that day he came back from hospital , he saw Meinrad on the ground in his cell, and he saw that he also had convulsions ....Omissis...

(viii) Regarding infections due to drainage and rats.

That also on this point the interpellant rebuts the proof brought before the First Court .....Omissis.....

That the interpellant emphasizes once again regarding the complaint of the rat infection that the applicant allegedly suffered the interpellant rebuts that on the contrary there was no report of infection of this type .....Omissis.....

That further it is pointed out that periodically persons charged go about the prison and throw pills and poison for the prevention of rats. However no rats were ever found in the cells and there was no need for fumigation of the division as alleged by the applicant .....Omissis.....

(ix) Failure to provide paper and pens.

Other complaints of the respondent applicant amongst which that he was not provided with paper and pens were categorically denied by the interpellant. In his affidavit Sergeant Bernrd Zahra confirmed that the applicant had been given both paper and pen when ever he asked. The only thing that he was bound to return was the pen when he was ready and this for reasons of security. These regulations were applicable to all division 6 and not only the applicant.

That this was confirmed by the ex-Direxor of Prisons Emmanuel Cassar who in his affidavit, testified regarding the considerable amount of letters that Meinrad Calleja sent as long as he was in prison including when he was in division 6...

.....Omissis.....

(x) Communication with other persons.

That another contestation of the interpellant is that contrary to that alleged by the respondent applicant before the First Court no order or direction was ever given to the spiritual director of the prisons or social workers not to talk to Meinrad Calleja or other prisoner.

That thus the interpellant emphasized that altogether the major part of the allegations in the present case are only narrations of the applicant which are not corroborated or hearsay .....

.....Omissis.....

(xi) Ilment mas-CPT (Committee for the Prevention of Torture)

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet ukoll riferenza għall-ilment tar-rikorrent mal-Kumitat Ewropew tal-Prevenzjoni tat-Tortura u Trattament Inuman jew Degradanti.

Illi l-esponenti jenfasizza li r-rapport ta' dan il-Kumitat fih diversi skorrettezzi li l-Gvern Malti gabhom għall-attenzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti .....Omissis.....

'It should be emphasized that the Ombudsman's report (Report No. 1472 of the Office of the Ombudsman of Malta (22nd September 1997) clearly stated that even though there may have been some strict measures applied by the authorities no violation of any law or Prison regulations had occurred and that therefore the decisions made were unequivocally within the parameters of the law; so much so that no remedy of any sort was recommended or suggested by him'.

Ebda ksur ta' l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fl-ewwel lok l-esponent jaqbel ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif anke ritenut mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatt li r-rikorrent kien miżmum taħt sigurtà stretta f' Diviżjoni 6 meta hu ma kienx qieghed jiskonta piena mogħtija minn Qorti mhux neċessarjament iqajjem awtomatikament kwistjoni taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

.....Omissis.....

Illi fil-każ odjern l-esponent huwa ta' l-umli fehma li mill-assjem tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ġie ampjament ippruvat minnu li fil-perjodu li r-rikorrent għamel f'Diviżjoni 6 dan ta' l-aħħar ġie espost għal sigurtà massima għal perjodi qosra biss li kienu neċessarji u dan sabiex l-istess rikorrent ma jsofrix tbatija fiżika u psikoloġika.

.....Omissis.....

Illi l-esponent isostni li ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ odjern kienu jikkonsistu biss fid-detenzjoni tar-rikorrent taħt applikazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà għoljin fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent kien meqjus bħala high risk mhux biss fil-kuntest ta' prevenzjoni minn kuntatt ma' ċerti persuni fid-dawl ta' l-akkużi serji li kellu imma speċjalment minħabba l-possibbiltà li jista' jkollu għajnuna biex jaħrab.

.....Omissis.....

Illi b'hekk anke li kieku għall-grazzja ta' l-argument kellu jiġi aċċettat mill-esponent li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li fihom inżamm Meinrad Calleja kienu tali li setgħu f'ċirkostanzi differenti jammontaw għal leżjoni ta' l-Artikolu

(xi) Complaint by the CPT (Committee for the Prevention of Torture)

That the Honourable First Court referred to the complaint of the applicant by the European Committee for the Prevention of Torture or Inhuman and Degrading Treatment.

That the interpellant emphasizes that the report of this Committee contains various mistakes which the Government of Malta brough to the attention of the Honourable First Court .....Omissis.....

'It should be emphasized that the Ombudsman's report (Report No. 1471 of the Office of the Ombudsman of Malta (22nd September 1997) clearly stated that even though there may have been some strict measures applied by the authorities no violation of any law or Prison regulations had occurred and that therefore the decisions made were unequivocally within the parameters of the law; so much so that no remdy of any sort was recommended or suggested by him'.

No violation of Article 36(1) of the Constitution of Malta or Article 3 of the Euopean Convention of Human Rights.

That in the first place the interpellant agrees with the Honourable First Court, that as upheld by the Jurisprudence of the European Court of Human Rights, the fact that the applicant was held under strict security in division 6 when he was not under a punishment awarded by a Court does not necessarily arise a dispute under Article 3 of the Convention.

.....Omissis.....

That in the present case the interpellant is of the humble opinion that from the whole proof brought before the Hnourable First Court it was amply proved by him that in the period that the applicant spent in division 6 the latter was exposed to maximum security for short periods which were necessary and this so that the applicant does not suffer physically and psychologically.

.....Omissis.....

The interpellant submits that the particular circumstances of the present case consist only in detention of the applicant under the application of high security measures in the light of the fact that the applicant was considered as high risk not only in the context of prevention from contact with certain persons in the light of the serious charges he had but especially due to the possibility that he could have been helped to escape.

.....Omissis.....

That thus that even if for the sake of argument it had to be accepted by the interpellant that the conditions of detention in which Meinrad Calleja was held could have been such that in different circumstances they could have amounted to a

3 tal-Konvenzjoni, dawn xorta kien ġustifikabbli fl-assjem tagħhom għax ittieħdu fost oħrajn sabiex tiġi evitata ħarba kif spjegat aktar qabel.

…….Omissis……

Illi l-esponent ikompli jsostni li kif jirriżulta mill-provi f'ebda ħin ma naqqas mid-dinjità tal-persuna tar-rikorrent jew esponieh għal tbatija ta' intensità tali li teċċedi the 'unavoidable level of suffering inherent in detention (Kudla v Poland).

Illi prinċipju ieħor li fl-umli fehma ta' l-esponent ma ġiex apprezzat mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa dak indikat f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom dak bl-isem 'Yordanov v Bulgaria' deċiż fl-10 ta' Awissu 2006, fejn intqal ' The Court reiterates that allegations of ill-treatment must be supported by the appropriate evidence. In assessing evidence, the Court has generally applied the standard of proof, 'beyond reasonable doubt'.

L-esponenti jistaqsi kif setgħet l-Ewwel Qorti tasal għall-konvinċiment 'beyond reasonable doubt' li r-rikorrent appellat irċieva trattament inuman u degradanti meta kif diġà intwera mill-esponent ħafna mill-allegazzjonijiet tar-rikorrent baqgħu fuq livell ta' sempliċi rakkont jew detto del detto …….Omissis……

Illi ulterjorment jiġi rilevat li l-Qorti Ewropea kellha opportunità teżamina applikazzjonijiet b' allegazzjonijiet simili, anzi aktar serji minn dawk tar-rikorrent odjern. Hekk per eżempju fil-każ Antonio Messina v Italy, il-fatti kienu s-segwenti: fil-perjodu li kien il-ħabs l-applikant kien soġġett għal reġim speċjali għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u sigurtà, fosthom li ma kellux aċċess għal telefon, ma setax jikkorrispondi ma' priġunieri oħrajn, limitazzjoni fuq il-visti minn familjari b'massimu b'siegħa fix-xahar …….Omissis……

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti sabet li 'the treatment the applicant of did not reach the minimum level of severity for it to fall within the scope of Article 3 of the Convention'.

…….Omissis……

Illi għaldaqstant u in konklużjoni mill-assjem tal-provi prodotti għandu jiriżulta b'mod sodisfaċenti li din l-Onorabbli Qorti illi r-rikorrent appellat ma rnexxilux jilħaq dak il-grad ta' prova konvinċenti lil hinn mir-rakkonti u allegazzjonijiet mhux ippruvati sabiex jimmerita l-konferma ta' dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

violation of Article 3 of the Convention these were still justifiable as a whole because they were taken amongst others in order to avoid an escape as explained before.

…….Omissis……

That the interpellant continues to uphold that as results from the proof at no time did he diminish the dignity of the applicant or expose him to suffering of such intensity as to exceed the unavoidable level of suffering inherent in detention' (Kudla v Poland).

That another principle in the humble opinion of the interpellant which was not appreciated by the Honourable First Court is that indicated in various judgements of the European Court of Human Rights amongst which that with the name 'Yordanov v Bulgaria' decided 10th Augut 2006, where it was stated' The Court reiterates that allegations of ill-treatment must be supported by the appropriate evidence. In assessing evidence the Court, has generally applied the standard of proof ' beyond reasonable doubt'.

The interpellant asks how could the First Court arrive to the convincement 'beyond reasonable doubt' that the respondent applicant received inhuman and degrading treatment when as already shown by the interpellant a lot of the allegations of the applicant remained on the level of narrations or hear say …….Omissis……

